



# Tifkira tal-Assedju l-Kbir fl-Arti Lokali

Is-Sinj. Massabielle Zammit B. Ed (Hons)

**'Rien est plus connu que la siege de Malte'** *...xejn mhu magħruf daqs l-Assedju l-Kbir ta' Malta.* Hekk kien qal il-kittieb storiku Franciz Voltaire. U propju hekk hu, din is-sena qed niċċelebraw l-anniversarju tal-għeluq il-450 sena minn din il-ġrajja hekk kbira li sawret parti kbira mill-istorja ta' gżiritna.

Iż-żewġ qawwiet rivali li kienu jiddominaw l-ibħra Ewropej f'dawk iż-żminijiet tal-1565 kienu l-Ordni ta' San Ġwann immexxija mill-qalbieni Jean De La Vallette u l-kursar Draugt Ries li kien il-kap tal-flotta tal-Kbir Sultan Suleiman. Fuq kollox is-sehem qawwi tal-eluf ta' Maltin qalbiena li ċarċru demmhom għal pajjiżna ma nistgħu ninsewh qatt. Wara l-attakk li ħarbat lill-gżira Għawdxija fl-1551, it-Torok ma qatgħux qalbhom u reġgħu ħabtu għal gżiritna din id-darba f'attakk ferm eħrex nhar it-18 ta' Mejju tal-1565. Minkejja li t-Torok kienu ferm iktar qawwija u ikbar fin-numru, il-Maltin u l-Kavallieri ma qatgħux qalbhom.

Din il-ġrajja serviet t' ispirazzjoni għal diversi poeti u kittieba. Dan jidher minn diversi xogħlijiet letterarji bħal *L-għanja tar-Rebħa* ta' Dun Karm li hi poeżija sħiħa ddedikata lill-qlubija tal-Maltin fl-Assedju u *Il-Ballata tal-Assedju l-Kbir* ta' Anton Buttigieg li saħansitra jsemmi r-raħal tagħna meta jgħid ...

*Jumejn sħaħ qattgħet biex tgħarrex*
*mal-ixtut il-flotta kbira;*
*f'Marsaxlokk ankrat sa fl-aħħar*
*biex tiżbarka fuq il-gżira.*

*U minn hemm l-armata niżlet*
*għat-taqbida fuq is-swar;*
*ma' tul triqtha r-rħula ħarbtet*
*taż-Żejtun u Ħaż-Żabbar.*

Kienu propju Marsaxlokk u ż-Żejtun l-ewwel li ġarbu mill-attakki ħorox tat-Torok mill-ewwel 3,000 suldat li rifsu xtutna.

Minkejja li l-Assedju ħarbat lil Malta kollha, l-iktar postijiet marbuta miegħu u li jġorru t-tifkira ħajja huma l-Birgu u l-Belt Valletta. Ħafna huma dawk l-artisti Maltin li permess tal-opri artistiċi tagħhom baqgħu jfakkru l-qlubija li ntweriet f'din il-ġrajja mdemmija. Propju fuq l-għolja ta' Xebb ir-Ras insibu dan il-mużew ħaj li jfakkarna f'kull mument fil-qlubija ta' missirijietna.



Ikompli...







Fost il-preġji artistiċi li jfakkru din il-ġrajja hemm il-kapolavur tal-artist Taljan Matteo Perez d' Aleccio ( 1547-1616). Studja taħt l-artist famuż Michelangelo u fost ix-xogħlijiet importanti tiegħu nsibu l-affresk li ħalla fis-Sala tat-Tron fil-Palazz tal-Granmastri ġewwa l-Belt Valletta. Din is-sala hija mżejna bil-pinzellati ta' dan l-artist minn Lecce u jinkludu tlettax-il biċċa xogħol li juru xeni mill-Assedju li ġew impittra bejn l-1575- 1581.

Artist ċelebri ieħor li spira ruħu mill-ġrajja qalbiena hu l-artist Żebbuġi Antonio Sciortino. Fost ix-xogħlijiet l-aktar magħrufa tiegħu nsibu l-monument tal-Assedju li nsibuh jiddomina l-pjazzetta faċċata tal-bini tal-Qorti. Din l-opra artistika tirrappreżenta tliet figuri; il-figura femminili fuq in-naħa tax-xellug tirrappreżenta l-Fidi filwaqt li żżomm is-simbolu tat-tiara papali f'idejha. Il-figura fuq in-naħa opposta tagħha tirrapreżenta ċ-Ċivilta`. Il-figura ċentrali huwa maskili jirrappreżenta l-Qlubija u l-Kuraġġ. Dan narawh iżomm ix-xabla u t-tarka f'idejh. Filwaqt li ż-żewġ figuri femminili huma nkurunati bil-fjuri, il-figura maskili hu liebes ta' gwerrier u fuq rasu kuruna bi tliet ponot. Dan ix-xogħol hu maħdum fil-bronż.

Kwadru li tassew jimpressjona lil kull min iżur il-Mużew tal-Arti u lil min għandu għal qalbu l-arti lokali, hu bla dubju l-kwadru li juri l-Mewt ta' Dragut. Biċċa xogħol li ħarġet mill-pinzell tal-artist prolifiku Malti Ġużeppi Cali` u li ġie mpitter fl-1867. Il-pittura turi x-xena tal-ħin meta Turgut Reis magħruf iktar bħala Dragut intlaqat minn ġebla waqt waħda mill-ġlidiet fl-Assedju u kien qed imut.

Monument ieħor li jfakkar din ir-rebħa iżda li jinsab barra mis-swar tal-belt Valletta hu dak li nsibu f'nofs il-pjazza tal-Birgu; monument li ġie mibni mill-Kavallieri mija u erbgħin sena wara l-ġrajja tal-Assedju propju fl-1705 u li jirrappreżenta lil Malta Rebbieħa jew aħjar Il-Vitorja. Dan il-monument ġie mħallas mill-Universita` tal-Birgu. Dan il-monument jirrapreżenta lil Malta fil-figura femminili liebsa ta' gwerrier kavalleresk bit-tarka u x-xabla f'idha u b'elmu f'rasha wieqfa fuq pedestal għoli. Il-kolonna li fuqha tinsab din l-istatwa f'xi żmien kienet ukoll funtana li minnha kien joħroġ l-ilma li hemm maħżun fil-ġiebja li hemm taħt il-monument. Fuq il-kolonna ta' min jinnota li hemm erba' emblemi li kienu ġew imqaċċta fir-rivoluzzjonijiet li ħakmu lil Malta fi żmien il-Franċiżi iżda li reġgħu twaħħlu wara fi żmien l-Ingliżi. Il-Granmanstru Pinto fl-1760 ħa ħsieb li jkompli jiddekora dan il-monument billi madwar il-kolonna iddekorah b'ħadid dekorattiv bis-simboli li juru r-rebħa tas-salib fuq il-qamar minfud b'xabla. Sa minn dejjem in-nies tal-Birgu ħadu ħsieb li jiffesteġjaw u jfakkru din ir-rebħa storika.

Għal min għandu għal qalbu l-istudju tal-kartografija żgur li ltaqa' ma' mapep ta' żmien

*Ikompli...*



l-Assedju. Għal min għandu għal qalbu r-raħal tagħna żgur li ż-Żejtun hu l-post li l-ewwel se jfittex. Iżda r-raħal tagħna mhux dejjem kien magħruf bl-isem ta' Żejtun iżda dak iż-żmien kien iktar magħruf bħala *Casal Santa Caterina* u fih kien jiġbor l-inħawi ta' Bisqallin, Ħaż-Żabbar, Ħal Bisbut, Ħal Ġwann u Ħal Għaxaq. Aktar tard fis-sena 1797, ir-raħal tagħna għolla ismu għal *Citta Bylandt*. Dan l-aħħar l-għaqda li tieħu ħsieb il-patrimonju ta' beltna; Wirt iż-Żejtun, ħadet ħsieb li tirrestawra mappa fil-ġebel interessanti ħafna li tinstab fuq il- bieb prinċipali tad-dar tas-Sorjijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu' ftit lil hinn mill-Posta, fi Triq San Luċjan. Din il-mappa turi xena tan- Nofsinhar ta' Malta fi żmien l-Assedju. F'dan l-artiklu tajna ħarsa fil-qosor lejn it-tifkira tal-qlubija tal-Maltin f'din il-ġrajja storika permess tal-Arti. Iżda jeħtieġ li nagħtu wkoll tribut lil dawk missirijietna Żwieten li għalkemm ħafna minnhom huma bla isem, affrontaw sidirhom, ġġieldu bi qlubija u ċarċru demmhom għal dak li kienu jemmnu fih bi sħiħ; ir-reliġjon u l-imħabba lejn art twelidhom.



Referenzi:


- Il-pronostku Malti 1995 pġ.231-243
- The Great Siege of 1565 – Facebook
- Wirtizzejtun.com



